MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MALLIA MICHAEL LL.D.**

Seduta ta' 21 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 1473/1999/1

**Miller Distributors Limited**

**vs**

**Jesmar Borg u b'digriet**
**tat-13 ta' Settembru, 2001,**
**Dr Martin Fenech gie nominat**
**Kuratur Deputat sabiex**
**jirrapprezenta lill-eredita'**
**gjacenti tal-mejjet Jesmar Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fil-11 ta' Ottubru, 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' erba' mija, hamsa u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm455.20c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data 30 ta’ Marzu,1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Settembru, 2001 fejn innominat lil Dr Martin Fenech bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-eredita’ gjacenti tal-mejjet Jesmar Borg.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Dr Martin Fenech fejn eccepixxa:

1. Illi huwa ghadu mhux edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriserva illi jirrispondi f’aktar dettal u precizjoni fi stadju ulterjuri.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

F’din il-kawza xehed biss Charles Caligari Conti li huwa *Accounts Administration Manager* mas-socjeta’ attrici. Spjega illi din l-ahhar socjeta’ kellha kont kurrenti mall-konvenut Jesmar Borg illi beda fl-elf disa mija u sitta u disghin (1996) u nghalaq fid-9 ta’ Marzu, elf disa mija u tmienja u disghin (1998), minn fejn kien ghad fadal bilanc ta’ erba’ mija, hamsa u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm455.20c) favur is-socjeta’ attrici. Dan il-kont kien jirrapprezenta xiri ta’ diversi oggetti u *stationery* minghand is-socjeta’ attrici.

Minkejja li din il-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-provi tal-konvenut, hadd ma deher biex jaghti x-xhieda tieghu u ghalhekk il-Qorti kellha tghaddi biex tiddeciedi din il-kawza fuq ix-xhieda ta’ l-imsemmi Caligari Conti. Il-Qorti ezaminat din ix-xhieda kif ukoll id-dokumenti esibiti u jidhrilha illi hemm provi bizzejjed sabiex tiggustifika t-talba tas-socjeta’ attrici, liema talba timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici. Tikkundanna lill-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa li jhallasha s-somma ta' erba' mija hamsa u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm455.20c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

Anthony Zammit
Dep Reg